**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' April 2025**

Rikors Numru: 625/2024 AL

A B C

Vs

D B C

(M.R. Numru 1288/2020)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi, l-partijiet iżżewġu nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fil-bini tar-Reġistru Pubbliku ta Malta fil-Belt Valletta, hekk kif jirriżulta miċ-Ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv 1288/2020 hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi, minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhom ebda tfal;

3. Illi, l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin għal aktar minn sena. Difatti huma legalment separati b'kuntratt redat minn Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar is-sitt u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta għoxrin (2023), kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

4. Illi, m'hemm l-ebda prospett raġonevoli jew remoti ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn sena ma jgħixu flimkien, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi, l-partijiet irrinunzjaw reċiprokament għall-ħlas ta' manteniment mingħand xulxin;

6. Illi, għalhekk il-partijiet m'għandhom l-ebda kwalsiasi pretensjoni fil-konfront ta' xulxin inkluż ebda ħlas ta' manteniment;

7. Illi, dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiči Čivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u reverentament jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1) Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet iċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), fil-bini tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta fil-Belt Valletta, huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;

2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu iffissat minn din l- istess Onorabbli Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ;

Bl-ispejjeż kollha ikunu akkollati ugwalment bejn il-partijiet u bl-inġunzjoni tal- konvenuta minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

1. Illi, l-esponenti tikkonferma li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Matthew Agius datat nhar is-sitt u għoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta għoxrin (2023);

2. Illi, l-esponenti taqbel li m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante li llum għandhom hajja totalment separata minn xulxin;

3. Illi, l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni lill-esponenti;

4. Illi, l-esponenti taqbel illi l-partijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenti ma topponix t-talbiet tar-rikorrent.

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Jannar 2025;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Ottubru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.